MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Numru 375/2000

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexandra Mamo)**

**v**

**David Azzopardi ta' 38 sena, iben Carmel u Theresa nee Briffa , mwieled Mtarfa fl-24/06/62 u joqghod Azzopardi Flats, No. 4, Sawmill Street, Msida detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 384062 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi David Azzopardi li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-

istess dispozizzjoniji tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Talli approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe ha flejjes li jammontaw ghal aktar minn Lm 1,000 liema flejjes jappartjenu lis-socjeta' il-Gugarell u Martin Aquilina, liema flejjes kienu gew fdati lilu bl-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu,jew minhabba depozitu necessarju bi ksur tal-artikoli 293 u 294 al-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a fol 18.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti u li kien wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkonsidrat

Illi l-provi prodotti huma maggorment ix-xhieda tal-parte leza Aquilina li esebixxa sensiela ta' dokumenti fotokopji li bihom qed jallega li l-akkuzat irceva ammont sostanzjali ta'flus f'isem il-hanut tieghu Gugarell li minflok raddhom lura lil dan in-negozjukif kien obbligat jaghmel bhala salesman, zammhom hu. Vide dokumenti esebiti bhal Dok MA1 – MA22 folio 80 – 125. Jghid Aquilina li l-ircevuti esebiti kienu ffirmati minn Azzopardi uli ghalhekk gabar il-flus hu.

Ittellghet tixhed certu Carmen Fenech sid ta' hanut, toyshop b'isem Stop 4. Tkellmet dwa ril-fatt li kienet tixtri gugarelli minghand il-hanut il-Gugarell li kienet thallas ta' hekk lill-akkuzat. Pero' ma giet murija ebda rcevuta biex tikkonferma l-hlas hekk minnha effetwat.

Dawn huma l-provi ta‘ sugu mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-ftit l-ohra prodotti huma aktar karenti fil-kontenut jew prova taghhom.

Illi fil-fatt xejn mill-provi mressqa ma jwassal lil din il-Qorti biex tasal ghal konkluzjoni li kien l-akkuzat li gabar hu l-flus indikati u li ma raddhomx lura, lanqas Carmen Fenech ma kkonfermat imqar ircevuta wahda esebita. Lanqas ma gie qatt stabbilit li l-firma li tidher fuq l-ircevuta hija fil-fatt ta‘ Azzopardi. Ghaldaqstant qeghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------